Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 10 t'April 2025**

**Kump. Nru. 1103/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Versus**

**Mustafa Duale Abokor**
**(0042359A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Mustafa Duale Abokor** u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0042359A.

F'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuzat talli fil-lejl tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta tas-sebgħa u għoxrin ta' filgħaxija (19.20hrs) u/jew f'ħinijiet qabel u'jew wara, ġewwa appartament misjub fl-indirizz ta' 211, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa u/jew bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Abraham Abrahm Abdi Ahmed f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq Abraham Abrahm Abdi Ahmed fejn uħud minn tali ġrieħi saru bi strument li jaqta' jew li jniggeż hekk kif ġie iċċertifikat mit-tabib tal-isptar Mater Dei Dr. Jerome Spiteri Med Reg. Nri. 4657;

2. Bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każiljiet li fihom il-liġi tagħit s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Abraham Abrahm Abdi Ahmed kontra l-volonta' tiegħu, jew ta l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub

ħati ta' divesri sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża, u ċioe' ta' Abrahama Abraham Abdi Ahmed, kif ukoll xhieda oħra tal-Prosekuzzjoni jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tiegħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sgurata' tal-persuna offiża u l-familjari tiegħu ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba li f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti,* u ta' dawk l-istrumenti kollha użati jew maħsuba li jiġu wżati fil-kommissjonij ta' ksalunkwe reat u ta' dak kollu li ġie miksub minn tali reat, inkluż l-armi u/jew għodda li ġew użati jew li setgħu ġew użati fil-kors ta' tali reat.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi, tapplika l-provediment tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-4 ta' Frar 2025, irreġistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u

nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 49, 50, 86, 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lil imputat Mustafa Duale Abokor hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal sebgha u ghoxrin (27) xahar prigunerija effettiva.**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Abraham Abrahm Abdi Ahmed ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qieghda torbot lill-imputat **Mustafa Duale Abokor** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena minn dakinhar illi jiskonta s-sentenza,** u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lill-*parte civile*.

Inoltre ai termini ta' **l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti **qed tordna lil hati Mustafa Duale Abokor sabiex ihallas l-ispejjez ghas-somma ta' elf, tlett mija u tmenin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€ 1,380.25).**

Ai termini ta' **l-Artikolu 23(1)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti **qed tordna il-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' is-sikkina li giet pprezentata fil-kawza odjerna.**

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**